# BOLLOL TAL-MILIED

# MAHRUGA MILL-VATIKAN / ARGENTINA, VATIKAN / ALAND, SPANJA, NEW ZEALAND, MALTA, POSTA RJALI u AWSTRALJA




Is-sena 2014 rat il-Vatikan u l-Argentina johorgu bolla postali flimkien ghall-valur ta' ,85 centezmu f'karta li ghandha 10 bollol. It-tema maghzula hija t-twelid ta' Kristu mehdu mill-pittura ta' l-artist Argentin Raul Soldi ( 1905 – 1994) li ipproduca dan ix-xoghol fil-knisja ta' Santa Anna gewwa Glew ( Buenos Aires). Jum wiehed Soldi nnota li il-biebtal-knisja kien miftuh, ittawwal u ra li minn gewwa kienet knisja vojta . Il-hitan taghha kien kollha bojod u ghera minn kull pittura jew xoghol iehor ta' l-arti. Hadem pjan mal-kappillan u beda' jpitter. Minn dik is-sena 'l quddiem Soldi kien jirritorna kull sajf ghal 32 sajf fil-knisja ta' Glew u hemm jesegwixxi ix-xoghol ta' l-arti. Pitter 250 metru kwadru

ta' affresk. Fuq il-bolla l-BAMBIN Gesu' huwa c-centru tax-xena kumplessa. Hemm il-Vergni mbierka, San Guzeppi, il-Magi u fis-sema jidhru zewg angli li jiddominaw ix-xena flimkien ma' numru ta' kavallieri.

Fi kliem il-pittur Soldi, dawk it-23 sajf li kien imur gewwa Glew, kienu ghalih l-ahjar zmien ta' hajtu, fejn kien jesegwixxu xoghlu fil-hemda miksura mid-daqq ta' l-armonju ta' Fr. Domingo, it-tahbit fuq il-hitan ta' Fr Girolamo u l-ghajjat ta' tigieg.






Fis-sena 2013 l-Ufficju tal-Filatelija hareg serje ta' bollol flimkien ma' Åland, regjun fil-Finlandja li ghandu amministrazzjoni wiesgha awtonoma. Il-bollol juru xoghlijiet ta' Bernardina di Betto Betti (1452 – 1513) maghruf bhaoa Pinturicchio. Is-sena 2013 tfakkar il-hames centinarju mill-mewt tal-pittur. Imwieled gewwa Perugja kellu talent artistiku kbir li kien apprezzata hafna gewwa Ruma fejn ha l-edukazzjoni tieghu u hadem kwazi kontinwament taht hames papiet. Skond Vassari kien kapaci li jissodisfa x-xewqat tal-princpijiet u l-kbarat meta dawn kienu jikkummisjonawlu ix-xoghol.

L-bollol juru xoghlijiet tan-Nativita' u L-Adorazzjoni tal-Magi li jinsab fis-Sala tal-Misterifl-appartamenti Borgia fil-Muzew tal-Vatikan.






Wahda mis-settijiet ta' bollol li harget Spanja fis-sena 2014 hija l-imagini ta' Stained glass window li turi n-Nativita' tal-Bambin Gesu, flimkien ma' Marija Vergni u San Guzepp. Madwar il-bolla wiehed jista' jaqra' il-messagg ta' Milied it-Tajjeb miktub bl-erba' lingwi ufficjali ta' Spanja.




80c – Gesu' u Marija: Marija hija murija titfa' harsitha fuq it-tarbija taghha Gesu' b'emfasi fuq l-imhabba li wiehed ghandu juri lejn l-iehor.

$1.40 – Guzeppi: Muri li ghandu paci kbira f'qalbu minkejja li huwa ghajjien mill-vjagg u ma sabx kenn hlief go stalla.

$2.00 L-Ghorrief: It-tlett slaten Magi li waslu ghandu Kirstu permezz ta' kewba. Huma offrewluhu tlett rigal tad-deheb, incens, u mirra.

$2.50 – Anglu: Muri liebes girlanda bhala espressjoni ta' ferh ghat-twelid tal-Messija. A

$3.00 – Rghaj: Sinjal ta' tama meta sema' minghand l-anglu l-ahbar tat-twelid ta' Kristu, ahbar ta' ferh kbir.




Is-sena 2009 rat lill-Posta Maltija tohrog sett ta' tlett bolli tal-Milied li tnejn minnhom juri pittura li tinsab fil-Muzew ta' l-Arti fil-Belt Valletta u ohra minn kollezzjoni privata.

Il-bolla ta' 19 il-centezmu ta' l-ewro hija riproduzzjoni ta'Mater Admirabilis ta' Alessandro Botticelli, dik tat 37 centezmu ta'l-Ewro turi il-Madonna bit-tfajjel Gesu' ta'Corrado Giacquinto. Il-bolla bil-valur ta' 63 centezmu turi lil Madona mat-tfajjel Gesu' impittra minn segwaci ta' Simone Cantarini.




Fis-sena 2013 il-Posta Rjali harget bolla ta' 88p mehuda mill-pittura ta' Jacques Louis David bit-tema Madonna u t-Tfajjel Gesu.

Il-Bolla hija dettal ta pittura sabiha hafna li turi lil Santu Rokku jitlob lil Vergni Mbierka ghat-tmiem tal-pesta (1780), xoghol ta' Jacques Louis David (1748 – 1852) li wiehed isib fil-Librerija Bridgeman.






L-Awstralja harget zewt bollol tradizzjonali tal-Mlied ghas-sena 2013 li juru lil Vergni mat-Tarbija Gesu' u r-rghajja jaduraw lil Kristu. Huma parti minn *miniature sheet* li turi pittura tan-Nativita' ta' l-Artist Awstraljan Paul Newton.

.